MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2006

Numru. 164/2001

PULIZIJA
SPETTUR LOUISE VELLA
VS
WILLIAM MERCIECA
JASON CARUANA
GLENN BUSUTTIL

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati William Mercieca, ta’ 27 sena, bin Theresa Mercieca, imwieled Pieta’ fl-14 ta’ Settembru 1973, u residenti Third Floor, Flat 10, Camrata Buildings, Triq il-Merkanti, Valletta, detentur tal-karta tal-identita’ numru 403973(M), kif ukoll Jason Caruana, ta’ 27 sena, bin Joseph u Jane nee’ Vella, imwieled Pieta’ fis-17 ta’ Jannar 1974, u residenti 115, Flat 1, St Domenic Street, Valletta u detentur tal-karta tal-identita’ numru 77974(M), kif ukoll Glenn Busuttil, ta’ 24 sena, bin Spiridione u Maria Dolores nee’ Goodlip, imwieled Imsida fl-10 ta’ Jannar 1977, u residenti Fourth

Floor, Door 1, Triq il-Merkanti, Valletta, u detentur tal-karta tal-identita' numru 139877(M), u akkuzati talli f'Dicembru 1999 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoin wahda:

(1) biex jissodisfaw z-zina ta' haddiehor, gieghlu bil-vjolenza jew hajjru b'qerq, lil Josephine Farrugia ghall-prostituzzjoni, u dan bi ksur tal-Artiklu 205 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

(2) xjentement ghexu ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta' Josephine Farrugia, u dan bi ksur tal-Artiklu 7(1) tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta

(3) u aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi minghajr ordni skond il-Ligi tal-Awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta l-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Josephine Farrugia kontra l-volonta' taghha, u dan bi ksur tal-Artiklu 86 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

(4) u aktar talli fil-Belt Valletta, nhar l-4 ta' Dicembru 1999 f'xi hin wara nofsinhar, b'permezz ta' strument li jaqta' jew iniggez, ikkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Josephine Farrugia skond ma ccertifika Dr D.J.Farrugia M.D. Reg 2552 tal-Poliklinika tal-Furjana, u Dr R.Chircop tal-Isptar San Luqa, u dan bi ksur tal-Artiklu 221(1) u (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lil William Mercieca u Jason Caruana wahedhom akkuzati talli rrendew ruhhom recidivi b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati diversement preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputati sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni ta' Jason Caruana tat-18 ta' Lulju 2003, kif konfermata minnu stess, wara li din il-Qorti tatu zmien ragjonevoli ghar-ripensament.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-Ispettur Louise Vella, irrizulta illi certu Josephine Farrugia kienet ghamlet rapport lill-Pulizija fl-ghassa tal-Belt, fejn allegat li hija kienet qed tigi sfurzata biex tipprostitwixxi ruhha mill-habib taghha l-imputat William Mercieca, u dan bl-assistenza tal-ko-imputat Jason Caruana u Glenn Busuttil (ara xhieda a fol 35 et seq).

Spettur Vella kompliet tghid illi l-kwerelanti Josephine Farrugia kienet infurmatha illi kienet giet imsawwta fuq saqajha b'tornavit ghaliex kienet irrifjutat li tmur tiprostitwixxi ruhha, apparti li kienet qed tkun sekwestrata god-dar taghha stess kontra l-volonta' taghha, u dan minn William Mercieca.

Illi fl-4 ta' Dicembru 1999, Josephine Farrugia ttiehdet il-poliklinika u giet ezaminata minn tabib, waqt illi fil-5 ta' Dicembru, il-Pulizija kienu hadu l-istqarrija tal-istess Josephine Farrugia. Din kienet iddikjarat mal-Pulizija li hija kienet tghix ma' William Mercieca, u li wara ftit granet, huwa kien qalilha biex tmur **'tohqob'** biex tipprovdilu l-flus, u li dan kien jghidulha fil-prezenza ta' Jason u Glenn, u meta kienet tirrifjuta, dawn kienu jsawwtuha.

Josephine Farrugia nfurmat lill-Pulizija illi fl-4 ta' Dicembru 1999, waqt li hija kienet id-dar ma' William Mercieca, li flimkien ma' Jason u Glenn, il-ko-imputati, kienu qed jaraw it-televizjoni, l-imputati kienu rabtulha jdejha bin-'nylon clips' sewda, sawwtuha b'turnavit fuq saqajha, u heddewha wkoll b'sikkina. Illi f'hin minnhom, William Mercieca kien qalilha biex tmur iggiblu l-flus sabiex huwa jkun jista' jixtri d-droga ghax kien qieghed 'sick' (ara fol 37).

Ghal dan il-ghan, kien qal lil Glenn biex dan iwassalha sal-Phoenicia biex hemmhekk tkun tista' tiltaqa' ma' xi rgiel. L-Ispettur Vella xehdet illi matul l-investigazzjoni,

Josephine Farrugia kienet qaltilha illi hija kienet telghet sal-Phoenicia, kienet iltaqghet ma' ragel anzjan u kienet talbitu zewg Liri (Lm2) bhala karita' u kienet tathom lura lill-imputati, fejn Glenn kien heddidha illi jekk ma ggibx aktar flus, kienu se jergghu jtuha xeba'. Dak il-hin stess hija kienet harbet u marret l-ghassa tal-Pulizija biex taghmel ir-rapport.

Illi l-imputati kienu ngabru mill-Pulizija fil-5 ta' Dicembru, u nnegaw dak kollu li kienet allegat Josephine Farrugia. Fl-istqarriji taghhom dokumenti LV1, LV2 u LV3, l-imputati jichdu l-akkuzi dedotti kontra taghhom.

PS 57 Raymond Caruana, a fol 49 et seq, ikkonferma r-rapport illi ghamlet Josephine Farrugia, u xehed kemm kienet imbezzgha Josephine Farrugia u kkonferma illi Josephine Farrugia kienet qed issostni illi l-imputati kienu qed isawwtuha permezz ta' turnavit fuq l-ghekiesi taghha. Xehed illi kienu qed igeghluha tiprostitwixxi ruhha ghalihom, u li filfatt William Mercieca kien johdilha c-cekk tas-Social Security:

**'Din kienet qed tghix mieghu gewwa l-Camrata fejn jghix William, kellha hafna tbengil fuqha, konna hadniha l-isptar, kienu ccertifikawha t-tobba u kienu ccertifikaw li kellha xi slight injuries.' (ara fol 50).**

L-okkorrenza giet esebita u mmarkata bhala dokument C u qeghda a fol 52.

Josephine Farrugia, fil-bidu tax-xhieda taghha a fol 56, kienet riluttanti mmens, u sussegwentement qalet illi hija kienet marret taghmel rapport **'ghax gejt naqra msawwta mill-gharus tieghi, u hu kien taht l-effett tad-droga'** (b'referenza ghall-imputat William Mercieca). Josephine Farrugia xehdet illi ghalkemm kienet imgieghlha mill-imputat biex tmur tiprostitwixxi ruhha, hija filfatt kienet sabet ragel u talbitu xi flus b'karita' u kien ghaddielha zewg Liri (Lm2). Mistoqsija mill-Qorti kif l-imputati hajjruha ghall-prostituzzjoni, tirrispondi (b'referenza ghall-imputat Glenn Busuttil):

**‘beda jghidli ‘jekk ma tirsistix ser intuk xeba’’ u b’hekk jigifieri mort naghmel ir-rapport.’ (ara fol 59).**

Mistoqsija fejn kienet giet mhedda mill-imputati, Josephine Farrugia tikkonferma illi hija giet mheddha d-dar taghha, fejn hija kienet tghix ma’ William Mercieca, u kif intuza’ turnavit fuq l-ghekiesi taghha. Anke s-swat permezz ta’ turnavit fuq l-ghekiesi taghha sar fid-dar ta’ William Mercieca.

A fol 61, Josephine Farrugia tghid is-segwenti:

**‘Bezzghuni illi jekk ma naghmilx hekk, naqla’ s-swat.’**

Mitluba tghid b’liema manjiera hija giet mheddha mill-imputati, il-kwerelanti tghid is-segwenti:

**‘Li jgherrquni bhalma gherrqu wahda’. (ara fol 62).**

Josephine Farrugia xehdet illi l-imputati kienu qalulha biex titlob cifra ta’ bejn hamsa (Lm5) u ghaxar Liri (Lm10) lil kull ragel li hija kellha tiprostitwixxi ruhha mieghu. Farrugia xehdet illi hija ma ghamlitx dan, u kienet semplicement talbet xi flus bhala karita’ lil ragel anzjan. Il-kwerelanta, a fol 64, tikkonferma illi t-tlett imputati kienu tawha bit-turnavit, u li t-tlieta li huma kienu lkoll qabdu sikkina ghaliha, u dan sabiex ibezzghuha. Is-sikkina kienu zammewha xi tlett piedi ‘l boghod minnha. Dan it-theddid u s-swat kien dam bejn il-hdax ta’ filghodu sas-saghtejn ta’ wara nofsinhar.

Spettur Louise Vella, a fol 70, esebiet zewg certifikati medici, esebiti bhala LVX1 u LVX2. Dawn gew irrilaxxati minn Dr Chircop u Dr Farrugia.

Spettur Gaetano Walker, a fol 76 tal-process, xehed illi kien gie nfurmat illi certu Josephine Farrugia kienet ghamlet rapport dwar allegat prostituzzjoni sfurzata minn William Mercieca, u li kienet giet imsawwta, mheddha u marbuta. Infatti, l-Ispettur Gaetano Walker xehed illi hu kien ra l-griehi illi kellha Josephine Farrugia f’idejha u

f'saqajha, u talab ghall-assistenza tal-Ispettur Louise Vella, u li kien interroga lill-imputati li nnegaw kollox.

A fol 77, huwa jghid illi Josephine Farrugia kienet ittiehdet il-poliklinika fejn giet ezaminata mit-tobba u gie rilaxxat xi certifikat. L-Ispettur Walker jghid li saru xi tfittxijiet fir-residenza ta' William Mercieca, fil-Camrata, Strada Merkanti, il-Belt, u hemmhekk giet elevata bicca 'wire' jew 'plastic tape' li Josephine Farrugia kienet allegat illi kienet giet marbuta bih. Spettur Walker ikkonferma l-istqarriji tal-imputati LV1, LV2 u LV3, u zied jghid illi Josephine Farrugia kienet kellmitu u kellmet lill-Ispettur Vella xi ftit granet wara, u nfurmatu illi ma riditx tkompli bil-kawza u riedet tirtira r-rapport taghha, **'u kienet insistiet illi ma kinitx lesta illi tixhed ghar-rigward ta' dak ir-rapport illi kienet ghamlitilna.'** Mitluba tghid ir-raguni ta' dan, l-Ispettur Walker xehed illi hija kienet irrispondietu **'Le mhux ser nghidlek, mhux ser nixhed'** (ara fol 79 tal-process).

L-Ispettur Walker kompla jghid illi mill-komportament ta' Josephine Farrugia, din dehret illi kienet qisha bezghana (ebid a fol 79).

A fol 94, l-Ispettur Louise Vella esebiet sentenzi LVZ fil-konfront ta' William Mercieca, LVZ1 fil-konfront ta' Jason Caruana, LVZ2 fil-konfront ta' Jason Caruana u LVZ3 fil-konfront ta' William Mercieca.

Joe Gatt, ko-ordinatur tal-program Prison Inmates Program, immexxi mill-Caritas, ikkonferma illi Jason Caruana kien ghadu fil-program u li kien wasal ghall-fazi tar-'re-entry', waqt illi William Mercieca kien qieghed sospiz mill-program u ntbaghat lura l-habs. Ir-raguni kienet illi William Mercieca kien beda jaqta' qalbu (ara fol 123), u filfatt William Mercieca kien gie sospiz fl-10 t'Ottubru 2003.

Dr Robert Chircop, a fol 128, ikkonferma c-certifikat rilaxxat fl-4 ta' Dicembru 1999, u kkonferma l-griehi ta' Josephine Farrugia li kien invista u li kienu griehi ta' natura hafifa, u xehed is-segwenti:

**‘Basically hawnhekk hawn miktub illi Josephine Farrugia giet l-Emergenza dakinhar u qaltli illi hija kienet giet attakkata u dan b’oggett tal-metall, u li kellha xi tbengil madwar il-parti ta’ gewwa u l-parti ta’ barra tal-ghekiesi taz-zewg nahat u li kienet kapaci timxi.’**

A fol 147, Josephine Farrugia nghatat diversi twissijiet mill-Qorti u ghalkemm ikkonfermat illi hija kienet avvicinat lill-Ispettur Walker biex jirtira l-kwerela, fix-xhieda quddiem il-Qorti, regghet ikkonfermat illi l-imputati kollha kienu sawwtuha permezz ta’ turnavit pero’ hafret lill-imputat William Mercieca.

L-imputat Jason Caruana, li ammetta l-akkuzi kif dedotti, u kuntrarjament ghall-parir li tawh l-Avukati tieghu, insista li jixhed, sostna illi huwa kien jaghmilha ma’ William Mercieca u kienu jkunu ta’ spiss flimkien. Fix-xhieda tieghu, a fol 152-157, isostni illi la hu, wisq anqas William Mercieca, qatt ma sawwat lil Josephine Farrugia jew li baghtuha tohqob.

Jason Caruana xehed illi Josephine Farrugia tmur tohqob minn jeddha l-Furjana u li hi maghrufa man-nies. Huwa nnega illi qabad xi turnavit ghaliha u afferma illi Josephine Farrugia kienet dejjem trid taqla’ lil William Mercieca mill-hbiberija illi hu kellu mieghu (Jason) u ma’ Glenn. Mitlub jghid ghalfejn allura ammetta l-akkuzi kif dedotti fi stadju bikri fil-kawza, l-imputat xehed illi kien qallu l-Avukat ghax kien ghadu program. Mitlub jghid ghalfejn Josephine Farrugia xehdet kif xehdet, l-imputat Caruana jghid li ‘dik mignuna’.

Caruana jikkonferma, a fol 156, illi dakinhar tal-incident, fil-flat kienu huma t-tlieta u Josephine, li hargu Glenn u Josephine, u li ftit wara, hu (Jason) u William marru jiffirmaw l-ghassa. Jaf ukoll illi William u Josephine kienu ggieldu, u li hi kienet telqet ‘l barra. Mitlub jghid fuq hiex iggieldu, jikkonferma illi kienet fuq affarijiet ta’ droga (ara fol 157).

L-imputat Glenn Busuttil, a fol 164, xehed illi huwa qatt ma sawwat u qatt ma baghat lil Josephine Farrugia ghall-prostituzzjoni, u xehed illi r-rapport li ghamlet Josephine Farrugia kien b'vendikazzjoni u b'ghira ghal William Mercieca u l-hbiberija illi hu kellu mal-istess Mercieca, u cahad b'mod kategoriku kull haga illi qalet Josephine Farrugia.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-kumpless tax-xhieda fuq indikata, huwa evidenti illi t-tlett imputati li minnhom Mercieca u Caruana kellhom il-vizzju tad-droga, kienu qeghdin jimmanipolaw permezz ta' l-kozi dett relazzjoni ntima bejn William Mercieca u Josephine Farrugia, l-istess Josephine Farrugia, semplicement biex jinqdew biha, u sabiex ihajjruha ghall-prostituzzjoni.

Illi kien evidentissimu illi William Mercieca, di piu', ried jghix minn fuq il-profitti mill-prostituzzjoni.

Illi r-rakkont ta' Josephine Farrugia specjalment fil-bidu tal-kawza kien wiehed vividu u mimli dettalji, u l-Qorti kienet impressjonata mill-istat ta' biza' tal-istess Josephine Farrugia mhux biss minhabba dak li minnu ghaddiet, izda anke mill-istess prezenza tal-imputati.

Il-Qorti rat u fehmet ir-riluttanza kbira li wriet Farrugia biex tixhed f'dawn il-proceduri.

Illi din il-Qorti ma temminx illi Josephine Farrugia ghamlet rapport falz bhala vendikazzjoni jew minhabba xi ghira ghal William Mercieca u ghall-hbieb tieghu, izda temmen illi kien id-dipendenza totali fuq id-droga illi wasslet lill-imputati jhajjru lil Josephine Farrugia ghall-prostituzzjoni, u meta jsibuha riluttanti, isawwtuha permezz ta' turnavit u jorbtuha permezz ta' 'cable ties'. Ix-xhieda ta' Dr Robert Chircop li awtentika c-certifikat mediku, dokument LVX2, li juri l-feriti li sofriet Farrugia, u parti minn 'cable tie' misjuba mill-Pulizija fil-fond tal-imputat Mercieca, jikkorraboraw dan kollu.

Apparti dana kollu, hemm ix-xhieda ta' PS 57, li ta t-testimonianza tieghu b'mod l-aktar preciz u xehed dwar il-feriti ta' Farrugia u t-twerwir taghha, liema fatti huma kollha riflessi fl-okkorrenza ezebita minnu bhala dokument C.

Illi l-attwalita' tal-biza' tremenda ta' Josephine Farrugia, giet riflessa fix-xhieda tal-Ex Spettur Gaetano Walker u dik tal-Ufficjal Prosekutur.

Illi di piu', Jason Caruana, fi stat bikri tal-process, ghazel li **jammetti** l-akkuzi kif dedotti, u **kkonferma tali ammissjoni** wara li l-Qorti tatu zmien ragjonevoli ghar-ripensament.

Illi certament, l-imputat Caruana ma kienx ser jaghmel hekk u l-Avukat tieghu ma kienx se jippermetti tali ammissjoni kemm-il darba l-incidenti illi xehdet fuqhom Josephine Farrugia ma kinux veritieri.

Illi minkejja l-fatt illi Glenn Busuttil jinnega kull involviment, ix-xhieda ta' Josephine Farrugia torbtu ma' reati kif dedotti, kemm fit-thajjir ghall-prostituzzjoni, (tant hu hekk li kien Glenn li wassalha sal-Phoenicia), torbtu mas-swat, u torbtu mal-irbit tal-istess Josephine Farrugia.

Illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha, in oltre, tipprova l-akkuza tar-recidiva fil-konfront tal-imputati Mercieca u Caruana.

Illi ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artiklu 49, 50, 86, 205, 221 tal-Kap 9, Artiklu 7(1) tal-Kap 63, issib lill-imputat William Mercieca hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames akkuza, u in segwitu tal-mahfra ta' Farrugia, tiddikjara l-procediment rigward ir-raba' akkuza bhala ezawrit, waqt li tikkundannah ghal tmintax-il xahar prigunerija.

In oltre, issib lill-imputat Jason Caruana hati tal-ewwel, it-tielet, ir-raba' u l-hames akkuza, u tikkundannah ghal sena prigunerija, waqt illi tilliberah mit-tieni akkuza stante li ma tirrizultax mill-provi.

Di piu’, issib lill-imputat Glenn Busuttil hati tal-ewwel, it-tielet u r-raba’ akkuza, u tilliberah mit-tieni akkuza, stante li ma tirrizultax mill-provi, u tikkundannah ghal ghaxar xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------